E/Sec

SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 4610**

Ilum it-Tnejn, 25 ta' Ottubru 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 4510 li saret nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2010 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### 1.1.1 *Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal minuta 4.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet jekk intbagħtitx l-ittra li kellha tintbagħt lil Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta dwar il-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq *Xintill Roundabout*. Is-Sindku qal li l-ittra lesta biex tintbagħt u filfatt qara kopja ta' din l-ittra. Huwa qal li qabel tintbagħt l-ittra xtaq jinforma l-Kunsill dwar petizzjoni li saret minn numru ta' residenti li qed jitolbu li l-ħruġ għal fuq *Xintill Roundabout* jingħalaq bejn is-6.30 u t-8.30 ta' filgħodu. Il-Kunsill qabel li din il-petizzjoni għandha tiġi annessa ma' l-ittra msemmija.

### 1.1.2 *Gutter f'Dawret it-Torri*

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal minuta 7.2 tal-laqgħa preċedenti u qalet li tlesta x-xogħol fuq l-gutter li kellu jsir f'Dawret it-Torri. Is-Sindku rrimarka li dan sar wara li deher l-artiklu fuq il-gazzetta l-Kulħadd.

### 1.1.3 *Gutters fi Triq iż-Żnuber*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 7.4 u qal li ma jistgħax jifhem x'hemm kontra l-liġi fil-mod kif ġie rranġat *gutter* fi Triq iż-Żnuber. Is-Sindku qal li aktar minn kontra l-liġi dan il-*gutter* qiegħed perikoluż. Il-Viċi Sindku kompla staqsa kif ser isiru s-*slots* fil-*cover* tal-*gutter*. Is-Sindku spjega kif ser isiru u qal li nippruvaw u naraw jaħdmux.

### 1.1.4 *Triq Tursin il-Bir*

Il-Kunsillier Bonello qal li l-*yellow junction* li saret fi Triq Tursin il-Bir kienet qed tiffunzjona. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-*bollard* waslet ukoll iżda l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk hux ser iwaħħal waħda jew tnejn. Il-Kunsillier Bonello qal li waħda biżżejjed.

### 1.1.5 *Monument ta' Kommemorazzjoni*

Is-Sindku rrefera għal minuta 4.4 tal-laqgħa preċedenti u tkellem dwar proposta għal monument ta' kommemorazzjoni tal-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-komunita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li qed iressaq proposta oħra ta' l-istess artist għal dan il-monument li lilu personali għoġbitu aktar mill-ewwel waħda. Huwa qal li l-idea hija li tintuża l-vaska eżistenti biex fiha titqiegħed sfera taċ-ċeramika. Huwa qal li kien talab lil artist Paul Vella Criten biex flimkien mas-Sur E.V.Borg jagħtu spjegazzjoni qasira u teknika ta' din il-proposta. Is-Sur Vella Criten tkellem dwar din il-proposta u wieġeb għal mistoqsijiet li sarulu mill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku rringrazzja lis-Sur E.V. Borg u lis-Sur Vella Criten u qalilhom li l-Kunsill ser iżommhom infurmati bid-deċiżjoni tiegħu.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-proposta. Is-Sindku qal li l-istima ta' din l-iskultura tammonta għal €5000. Huwa qal li diġa qed jaħdem fuq xi *sponsorship* għal dan il-proġett. biex titnaqqas l-ispiża.

### 1.1.6 *Servizz tal-Wi-Fi fi Pjazza 7 ta' Lulju*

Is-Sindku rrefera għal minuta 4.5 tal-laqgħa preċedenti u qal li għalkemm ġie nstallat il-Wi-Fi fi Pjazza 7 ta' Lulju dan is-servizz għadu mhux aċċessibbli.

### 1.1.7 *Tqassim ta' Boroż Griżi*

Il-Kunsiller Bonello rrefera għal minuta 4.6 u staqsa jekk bdewx jitqassmu l-boroż griżi mill-Green Mt. Is-Sindku qal li Green MT qed jistennew li jaslulhom dawn il-boroż biex jibdew iqassmu.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1. *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-30 ta' Settembru 2010 u l-25 ta' Ottubru 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1280/10/I – TCTC – *Learn It Courses*
- 1337/10/i – Marlene Saliba – *Pre-Publication Offer*
- 1338/10/I – Fgura Scout Group – ittra ta' ringrazzjament
- 1345/10/I – Kerygma – Premju Żgħażugħ tas-Sena

## 3. PUNTI MQAJMA

3.1 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1345/10/I il-Kunsill kien tal-fehma li qabel ma jikkunsidra l-offerta tat-TCTC jistenna li jkollu risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-korsijiet tal-*computer* li għalihom applikaw numru ta' residenti.

3.2 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1337/10/I il-Kunsill qabel li jixtri żewġ kopji tal-publikazzjoni bl-isem ta' "Xbiehat tal-Antenati" ta' l-awtriċi Marlene Saliba li qed toffri dawn il-kotba għal prezz speċjali ta' €14 'il wieħed.

3.3 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1338/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar ittra ta' ringrazzjament li kien bagħat il-Fgura Scout Group talli uża l-5-*a-side football pitch* fl-okkażżjoni ta' l-"*Athlete's Badge*". Huwa qal ukoll li l-Fgura Scout Group kien għamel kontribuzzjoni ta' €20 bħala turija t' apprezzament.

3.4 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1345/10/I il-Kunsill ġie nfurmat bl-inizjattiva tal-Moviment Kerygma "Premju Żgħażugħ tas-Sena 2010". Is-Sindku qal li min jixtieq jinnomina lil xi żgħażugħ jew żgħażugħa għal dan il-premju għandu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li n-nominazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi flimkien ma' dettalji oħra rikjesti sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-15 ta' Novembru 2010.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Skema ta' l-Awtorita' tad-Djar*

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' Dr Albert Buttigieg, Chief Executive Officer ta' l-Awtorita' tad-Djar dwar titjieb fil-*housing estates* f'Santa Luċija. Huwa qal li Dr Buttigieg infurmaħ dwar skema li ser tiġi varata fil-futur qarib. Huwa spjega li permezz ta' din l-iskema l-Kunsill jingħata fondi biex isiru xogħolijiet ta' titjieb fil-blokkijiet tal-Gvern u l-madwar. L-iskema hija maħsuba wkoll biex tintroduċi *energy saving measures* u inizjattivi edukattivi. Is-Sindku qal li filfatt 25% tal-fondi jridu jintefqu fuq edukazzjoni filwaqt li 75% iridu jintefqu fuq manutenzjoni.

### 4.2 *Servizz ta' Green Warden*

Is-Sindku rrefera għas-servizz ta' *Green Wardens* li kien ikkonċentrat l-aktar fuq Triq id-Dalja u Triq il-Prinjoli. Huwa qal li l-aktar li ngħataw ċitazzjonijiet kien fuq il-ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel li jsir *monitoring* fi Triq is-Sardenell, Trejqet il-Liedna u Trejqet il-Ward.

**4.3 *Newsletter tal-Kunsill***

Il-Kunsill qabel li joħroġ *newsletter* għax-xahar ta' Diċembru 2010. Il-Kunsillieri ġew imħeġġa jiestu l-kitbiet tagħhom sa mhux aktar tard mil-15 ta' Novembru 2010. Is-Sindku qal li din in-*newsletter* ser ikollha l-informazzjoni kollha dwar l-attivitajiet li qed iħejji l-Kunsill għax-xahar ta' Diċembru fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena.

**4.4 *Skrivana tal-Kunsill***

Is-Segretarja Eżekuttiva rrakomandat lil Kunsill biex l-iskrivana Claudia Costantino tingħata l-kariga ta' Uffiċċjal Eżekuttiv. Hija qalet li Claudia ilha tlett snin impjegata mal-Kunsill li matulhom dejjem tat aktar milli kien mistenni minnha. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

**4.5 *Żjara minn delegazzjoni ta' l-ECOS Commission***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fix-xahar ta' Novembru ser ikun hawn delegazzjoni mill-ECOS Commission li ser tagħmel *study visit* f'Malta. Huwa qal li matul din iż-żjara din id-delegazzjoni ser tagħmel żjara qasira fi Ġnien is-Serenita'. Huwa ppropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' din id-delegazzjoni u joffri xi *refreshments* waqt din il-waqfa qasira li ser tkun il-Ġimgħa, 12 ta' Novembru 2010 għal ħabta ta' l-10.15a.m.

**4.6 *APS 24x7***

Il-Kunsill qabel li jawtorizza lis-Segretarju tal-Kunsill biex iżomm is-*security key* tas-sistema 24x7 biex jidħol fuq l-*accounts (view only)* li l-Kunsill għandu ma' l-APS minn fuq l-*internet*.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru 3272 sa numru 3308 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Settembru (CM46(01)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 4510.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| MSD | SM57 | 10/158PLU | 35.40 |
| Koptasin | *Sgns/Mkgs* | 13597 | 1039.49 |
| Ronald Bezzina | SS57/09/01 | *Service for Sept.*10 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | RC57/10/01 | *Service for Sept.*10 | 2764.50 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-*July*10 | 207.22 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX *Sept.*10 | 85.09 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-*Aug.*10 | 63.07 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | CM-*Aug.*10 | 62.23 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | CM-*Aug.*10 | 366.99 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q)57/10/06 | *Serv. Sept.*10 | 180.00 |
| Cleansing Serv.Dept. | PC57 | *Serv-Sept.*10 | 491.35 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | *Serv.Sept.*10 | 2061.50 |
| Koptasin | *Sgns/Mkgs* | 13807 | 163.08 |
| Koptasin | *Sgns/Mkgs* | 13796 | 84.97 |

## 6. RAPPORT FINANZJARJU 01/07/10 – 30/09/10

Is-Segretarja Eżekuttiva resqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju li jkopri d-dħul u l-infieq tal-Kunsill għal perjodu bejn Lulju 2010 sa Settembru 2010. Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti l-*accountant* tal-Kunsill li ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport u wieġeb għad-domandi kollha li sarulu mill-Kunsilliera. Ġew identifikati xi aġġustamenti li jridu jsiru f'dan ir-rapport. Fil-kummenti tiegħu l-*accountant* qal li bħalissa l-*available funds* li għandu l-Kunsill jammontaw għal €51,702.

## 7. ATTIVITAJIET TAL-MILIED

Il-Kunsill qabel li jinxtegħlu t-toroq fejn hemm is-*shopping centres* bid-dwal dekorattivi u ġiet approvata kwotazzjoni mill-Għaqda Karmelitana taż-Żurrieq li tammonta għas-somma ta' €1150.

Is-Sindku semma wkoll il-kunċert tal-Milied li ser isir fl-14 ta' Diċembru 2010. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir attivita' għall-anzjani u oħra għat-tfal. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jinżamm infurmat bl-organizzazjoni ta' dawn l-attivitajiet.

## 8. XOGĦOLIJIET

### 8.1 *Resurfacing ta' toroq bis-sistema tal-PPP*

Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni tal-Kunsill li jsir *resurfacing* ta' parti minn Triq Ineż Soler u qal li jkun jaqbel aktar kieku l-Kunsill jagħmel ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema li ħareġ il-Gvern tal-*Public Private Parnership.* Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill japplika billi jinforma d-Dipartiment li jrid jagħmel *resurfacing* ta' Triq Ineż Soler, Triq il-Ġnien u Triq Ġuljetta Lopez taħt l-iskema ta' PPP.

### 8.2 *Triq il-Ġnien*

Is-Sindku rrefera għal problema ta' l-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Ġnien bejn Blokk I u Blokk II. Huwa qal li tnaddfu ż-żewġ *gutters* li hemm f'din il-parti tat-triq u tbattal l-ilma li hemm f'dawn il-*gutters* biex wieħed ikun jista' jara aħjar dawn għal fejn jagħtu. Huwa qal li jidher li jista' jkun li hemm xi ġibjun u l-ilma li jgħaddi minn dawn il-*gutters* imur ġo fih. Issemmiet il-possibilita' li jsiru *submersible pumps* f'dawn il-*gutters* biex jisparaw l-ilma għal fuq Triq il-Begonja. Is-Sindku qal li wieħed irid jiftaħ biex ikun jista' jara x'hemm eżattament imbagħt wieħed ikun jista' jieħu parir tekniku dwar x' jista' jsir biex tiġi ndirizzata din il-problema qabel issir it-triq.

## 8.3 *5-a-side Football Pitch*

Il-Kunsill iddiskuta l-pjanta li ħejja l-Perit biex fuq proposta ta' l-MFA, jinbena *5-a-side football pitch* f'Dawret it-Torri. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u ukoll li għandu jinbeda l-proċess biex issir l-applikazzjoni għal permess tal-Mepa għal dan il-proġett.

## 8.4 *Triq l-Għansar*

Is-Sindku ressaq pjanta ta' xogħol ta' *upgrading* fi Triq l-Għansar. Ġie deċiż li tintalab stima mingħand il-Perit biex il-Kunsill jikkunsidra jekk jinkludiex dan il-proġett ta' *upgrading* fil-*budget* li jmiss.

## 8.5 *Xogħol ta' Major Patching*

Il-Kunsill qabel li jagħmel xogħol ta' *major patching* fi Triq Katerina Vitale u Triq il-Fortizza. L-istima ta' dan ix-xogħol tammonta għas-somma ta' €35,000.00. Il-Kunsill qabel li juża l-*available funds* li l-Kunsill għandu mis-snin ta' qabel biex isir dan ix-xogħol.

## 8.6 *Triq id-Dalja*

Il-Viċi Sindku semma problema fi Triq id-Dalja peress li hemm gallarijiet li jesporġu għal fuq it-triq bil-konsegwenza li meta jgħaddu vetturi ta' ċertu għoli dawn jaħbtu magħhom. Ġie deċiż li ssir tabella bil-*maximum height* li jista' jkollhom vetturi biex jgħaddu minn din it-triq.

**9. TMIEM**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa jiltaqa' nhar it-Tnejn, 15 ta' Novembru 2010 fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum <u>it-Tnejn, 15 ta' Novembru 2010</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**